MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 1081/2012

**Is-socjeta'"Euro Chemie Products Limited" (C 5627).**

**vs**

**"Malta Industrial Parks Limited" (C 28965),**

**"Malta Enterprise", u Simon Vella CPA, detentur**

**tal-karta ta' 1-identità numru 215965(M).**

Il-Qorti :

Rat r-rikors guramentat tas-socjeta rikorrenti Euro Chemie Products Limited tad-29 t'Ottubru 2012, li jaqra hekk :

1. *"Is-socjeta' attrici kienet ilha tokkupa sa mill-1988 il-fabbrika RL20A ewwa l-Qasam Industrijali ta' Rikazli, propjeta' tad-Dipartiment ta' 1-Art, b'titolu ta' kirja. Minn dina 1-fabbrika, is-socjeta' attrici kienet topera bosta linji ta' produzzjoni ta' detergenti, sapun u prodotti ohra.*

2. *L-entita'"Malta Enterprise" kienet kitbet lis-socjeta' attrici fit-22 ta' Jannar 2006 fejn intimata illi hija ma kienetx mixja mal-"letter of intent" tat-8 ta' Gunju 1987. is-socjeta' attrici kkuntattjat lill-entita'"Malta Enterprise" u spjegatilha r-ragunijiet ghala kienet qed thaddem anqas milli kien progettat u ndikatilha 1-pjanijiet illi kellha ghal futur immedjat. Madankollu, is-socjeta' attrici giet infurmata illi l-fabbriki kollha gol-Qasam Industrijali ta' Rikaz1i kellhom johorgu minhabba 1-progett prospettat ta'"Smart City". Illi sussegwentement, 1-entita' "Malta Enterprise" permezz ta' ittra ddatata 30 ta' Marzu 2006, hawn allegata bhala Dok. "A" irtirat il- "letter of intent" imsemmija tat-8 ta' Gunju 1987 u dana minkejja illi kwalunkwe nuqqas tas-socjeta' attrici ma' kienx partikulari ghalija. Madankollu s-socjeta' attrici giet immarkata ghal trattament partikulari. Minn din id-decizjoni, is-socjeta' attrici interponiet appell ai termini tal-artikolu 27(6) u 30(1) tal-Kap. 325 imma dan 1-appell ma nstema' qatt minkejja diversi sollecitazzjonijiet lill-istess "Malta Enterprise".*

3. *Fi kwalunkwe kaz, f'diskussjonijiet illi s-socjeta' attrici kellha mas-socjeta' konvenuta "Malta Industrial Parks Limited", hija ndikat illi ma' ssib 1-ebda problema sabiex hija ticaq1aq minn Rikzali ghal post gdid imma ovvjament riedet tkun taf il-post fejn sejra tigi rilokata u min se jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tar-rilokazzjoni. Is-socjeta' konvenuta "Malta Industrial Parks Limited" indikat post li kien manifestament inadekwat ghall-htigijiet tas-socjeta' attrici peress illi kien zghir hafna u l-anqas biss kellu ufficju mieghu u ghalhekk, is-socjeta' attrici ma'*

*accettatx dan il- post altenattiv. Inoltre, is-socjeta' attrici ghamlitha cara illi hija lesta thallas l-arretrati ta' kera kollha li hemm pendenti basta hija tinghata indikazzjoni cara fejn se tigi rilokata kif ukoll kif se tigi kumpensata ghall-ispejjez illi hija kienet ser tinkorri sabiex tirriloka u ghat-telf tal-qliegh li ser issofri, indikazzjoni li s-socjeta' attrici qatt ma rceviet. Madankollu, minkejja korrispondenza fit-tul mas-socjeta' konvenuta "Malta Industrial Parks Limited" u senjatament mal-konvenut Simon Vella illi fl-epoka kien imexxi s-socjetà konvenuta u talbiet repetuti da parti tas-socjeta' attrici lill-konvenut Simon Vella tas-socjeta' konvenuta "Malta Industrial Parks Limited" sabiex issir laqgha halli jigu diskussi l-pendenzi kollha bejn il-partijiet, tali laqgha qatt ma' sehhet u dana minkejja illi s-socjeta' konvenuta "Malta Industrial Parks Limited" kienet weghdet illi ser issir tali laqgha.*

4. *Illi fil-25 ta' Settembru 2006, il-legali tas-socjeta' konvenuta "Malta Industrial Parks Limited" cemplet lil-legali tas-socjeta' attrici u talbitu l-hlas ta' Lm 20,000 arretrati illi s-socjeta' attrici kienet offriet fl-ahhar proposta illi ghamlet illi thallas sa l-ahhar ta' Settembru 2006 jekk il-pendenzi dwar ir-rilokazzjoni jigu ccarati. Dana minkejja illi s-socjeta' konvenuta "Malta Industrial Parks Limited" qatt ma' kienet laqghet il-proposta tas-socjeta' attrici u minkejja illi s-socjeta' attrici dejjem kienet qed tistenna illi ssir laqgha mas-socjeta' konvenuta Malta Industrial Parks Limited" sabiex jigu ttrattati l-pendenzi eistenti. Il-legali tas-socjeta konvenuta 'Malta Industrial Parks Limited" giet infurmata mill-gdid illi s-socjeta' attrici kienet lesta illi twettaq tali hlas basta tinstab soluzzjoni ghall-pendenzi illi kienu jezistu u illi wiehed kien jistenna illi ssir laqgha, liema laqgha ma' setghetx issehh qabel il-gimgha ta' wara peress illi 1- legali tas-socjeta' attrici kien ser ikun imsiefer.*

5. *Illi tajjeb illi wiehed jinnota illi qabel il-25 ta' Settembru, 2006, is-socjeta' attrici kienet ilha gimghat u addirittura xhur tistenna 1-proposti u kontro-proposti tas-socjeta' konvenuta "Malta Industrial Parks Limited" imma fil-25 ta' Settembru 2006, is-socjeta konvenuta ppretendiet il-hlas tal-maggior parti tal-arretrati ipso*

*facto minghajr 1-ebda garanzija illi s-socjeta' attrici kien ser ikollha post alternattiv fejn tkompli topera u illi ser tigi rizarcita ghall-ispejjez illi tali rilokazzjoni kienet ser tinvolviha. Illi meta l-aktar haga logika kienet illi ssir laqgha bejn il-partijiet sabiex jigu ventilati l-pendenzi kollha, minflok is-socjeta' konvenuta "Malta Industrial Parks Limited" immedjatament harget l-ordni ta' zgumbrament lis-socjeta' attrici illi fiha s-socjetà attrici nghatat ghoxrin (20) jum sabiex tizgombra mill-fabbrika msemmija. Dina l-ordni ta zgumbrament ggib id-data ta' 1-istess jum li fih saret il-konversazzjoni telefonika msemmija u cioe' 25 ta' Settembru 2006. Dina m'hi xejn hlief konferma illi s-socjeta' konvenuta qatt ma kellha intenzjonijiet retti illi jigu rizolti l-pendenzi ezistenti imma l-intenzjoni taghha kienet unikament illi jinabru 1- arretrati tal-kera minghajr ma' s-socjeta' attrici tinghata 1-opportunita' illi tkompli topera. Illi dina l-ordni ta' zgumbrament harget minkejja illi s-socjeta' attrici kien ghad fadlilha l-fakulta' illi tappella l-ordni illi 1-entita'"Malta Enterprise" kienet harget permezz ta' ittra ddatata 30 ta' Marzu 2006, kif effettivament kienet ghamlet, liema appell baqa' ma nstemax.*

6. *Illi sussegwentement, is-socjeta' konvenuta "Malta Industrial Parks Limited" ipprocediet bl-izgumbrament tas-socjetà attrici mill-fabbrika msemmija u minkejja 1- isforzi kollha illi s-socjetà attrici kienet ghamlet sabiex tilhaq tohrog kemm jista' jkun makkinarju, materjal u accessorji ohra illi hija kienet ilha takkumula fil-fabbrika msemmija, fid-data ta' l-izgumbrament, giet kostretta thalli hafna materjal ekwipaggjament fil-fabbrika msemmija u tnehhielha kwalunkwe access ghall-istess fabbrika.*

7. *Illi sussegwentement, f'Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007), is-socjeta konvenuta "Malta Industrial Parks Limited" talbet lid-direttur tas-socjetà attrici jiffirma dikjarazzjoni illi fiha jiddikjara inter alia illi qed jirritorna cwievet tal-fabbrika msemmija u li ma kien halla 1-ebda mobbli fl-istess fabbrika. Illi dina d-dikjarazzjoni ovvjament ma setghetx tigi ffirmata imma ftit jiem wara, fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007), il-fabbrika msemmija, minkejja illi*

*kienet taht il-kura u kustodja tas-socjeta attrici, garrbet hruq ingenti illi qered kompletament dak kollu illi s-socjetà attrici kienet halliet warajha gol-fabbrika msemmija. Bhala rizultat ta' dan il-hruq, is-socjetà attrici garrbet danni kbar b'mod irrimedjabili u dana unikament tort tal-konvenuti jew min minnhom illi ma hallewx lis-socjetà attrici tirtira l-propjetà kollha taghha mill-fabbrika msemmija.*

8. *Illi inoltre l-izgumbrament in kwistjoni harbtet totalment il-produzzjoni tas-socjetà attrici, liema produzzjoni qatt ma rriprendiet minhabba illi s-socjetã attrici ma' kellhiex mnejn topera l-makni taghha. Sussegwentement, dawn il-makni kellhom jinbieghu b'telf kbir u dana sabiex jigu evitati spejjez ulterjuri ta' magazinagg.*

*Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghala dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex in vista tas-suespost:*

1. *Tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti, individwalment jew solidament, ikkawza danni ngenti lis-socjetà attrici;*

2. *Tillikwida d-danni subiti mis-socjetà attrici, prevja occorrendo bil-hatra ta' perit;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti, individwalment jew solidament, ihallsu lis-socjetà attrici d-danni subiti minnha.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittri ufficjali numri 1971/12 u 2623/12 u 1-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1492/12.*

*Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata Simon Vella tal-11 ta' Dicembru 2012 li taqra hekk (a fol.7 et seq.) :

*"Dikjarazzjoni tal-Fatti*

1. *Illi l-esponenti kien jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta konvenuta Malta Industrial Parks Limited u dan b'effett minn meta giet imwaqqfa 1-kumpannija fl-2001 sal-l0 ta' Novembru 2003, meta spicca mill-kariga kif jirrizulta mill-avviz ta' notifika ta' tibdil ta' diretturi hawn annessa u mmarkata "Dok. A" sabiex imbaghad rega' gie appuntat fit- 2 ta' Mejju 2005 kif jirrizulta mill-avviz ta' notifika ta' tibdil ta' diretturi hawn annessa u mmarkata "Dok. B" u baqa' jokkupa din il-kariga sat-12 ta' Mejju 2008, kif jirrizulta mill-avviz ta' notifika ta' tibdil ta' diretturi hawn annessa u mmarkata "Dok. C";*

2. *Illi sa mill-2006, 1-esponenti qua direttur inghata wkoll ir-responsabbilita ta' Executive Deputy Chairman tal-istess socjeta u baqa' f' din il-kariga sal-2008;*

3. *Illi l-esponenti dejjem agixxa f'isem u fl-interess tas-socjeta konvenuta Malta Industrial Parks Limited u kwalsiasi att li huwa ffirma jew ghamel, ghamlu fil-kapacita tieghu ta' direttur tal-istess socjeta;*

4. *Illi fir-rikors guramentat ossia fid-dikjarazzjoni tal-fatti - liema fatti jirreferu ghal avvenimenti li graw madwar sitt (6) snin ilu, isem l- esponenti jissemma biss fil-paragrafu numru tlieta (3) meta jinghad:*

*"Madankollu, minkejja korrispondenza fit-tul mas-socjeta' konvenuta 'Malta industrial Parks Limited', u senjatament mal-konvenut Simon Vella, illi fi-epoka kien imexxi s-socjeta' konvenuta u talbiet repetuti da parti tas-socjeta' attrici lill-konvenut Simon Vella tas-socjeta' konvenuta 'Malta Industrial Parks Limited', sabiex issir halli jigu diskussi l-pendenzi kollha bejn il-partijiet, tali laqgha qatt ma 'sehhet u dana minkejja illi s-socjeta' konvenuta 'Malta industrial Parks Limited' kienet weghdet li ssir tali laqgha". Mhuwiex minnu li l-esponenti ma ltaqax mas-socjeta attrici kemm dam fil-kariga ta' direttur tas-socjeta Malta Industrial Parks Limited;*

5. *Illi 1-esponenti dejjem agixxa b'onesta' u buona fide fl-ahjar interessi tas-socjeta' konvenuta Malta Industrial Parks Limited, u stante li qatt m'agixxa barra mid-dmirijiet ta' direttur huwa ma jista' jaghti l-ebda rimedju lis-socjeta' rikorrenti, u dan fid-dawl tal-fatt ukoll illi l-esponenti dejjem agixxa ghall-interess pubbliku kif kien jitlob lilu bhala direttur ta' entita tal-Gvern ta' Malta;*

6. *Illi l-esponenti qatt ma rcieva ebda millantazzjoni qabel ma gie notifikat bl-ittra ufficjali li pprocediet b' din il-kawza;*

***Eccezzjonijiet***

*L-esponenti jeccepixxi dan li gej:*

1. *Preliminarjament, illi r-rikors guramentat huwa null stante li ma jikkontjenix raguni tat-talba kif irid 1-Art. 156(l)(b) tal-Kap, 12;*

2. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti huma preskritti ai termini tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-esponenti m'huwiex il-legittimu kuntradittur stante t-talbiet kif postulati ma jistghux jintlaqghu fil-konfront tal-esponenti u ghaldaqstant ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju;*

4. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil fatt u fid-dritt;*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir-risposta guramentata ta' Malta Industrial Parks Limited tal-24 ta' Dicembru 2012 li taqra hekk (a fol.17 et seq.) :

*"Is-socjeta' esponenti teccepixxi is-segwenti:*

1. *Preliminarjament, illi r-rikors guramentat huwa null stante li ma jikkontjenix raguni tat-talba kif irid l-Art. 156(1)(b) tal-Kap. 12;*

2. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici kif proposta ma tistax tirnexxi stante li l-istess socjeta attrici diga pprocediet permezz ta' kawza fl-ismijiet "Is-Socjeta' Euro Chemie Products Limited vs Malta*

*Industrial Parks Limited u 1- Kummissarju tal-Pulizija, ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom" (Rik. Gur: 1006/2006JRM), liema kawza ghadha pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversarnent preseduta u kwindi japplika l-principju ta' selecta una via non habet recursum ad alteram;*

3. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma fin-natura taghhom imsejsin fuq azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta' att amministrattiv u ghaldaqstant l-eghmil amministrattiv li setghet twettaq is-socjeta' esponenti inharget b'ordni wahda diretta lejn is-socjeta' attrici li llum jaghmel il-mertu ta' kawza ohra ma jistax jerga' jinfetah f'azzjoni gdida;*

4. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici hija perenta stante li ghaddha z-zmien sabiex tigi proposta 1- azzjoni u dan ai termini tal-Art. 469A(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici fir-rigward tad-danni mitluba ma jistghux jintlaqghu stante li l-entita' esponenti qatt m'agixxiet in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli u dan ai termini tal-artikolu 469A (5) tal-Kap. 12;*

6. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tas-socjeta' esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

7. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*In sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet, l-esponenti tiddikjara dan li gej:*

1. *Illi hemm kawza pendenti fl-ismijiet "Is-Socjeta' Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited u l-Kummissarju tal-Pulizija, ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom" (Rik. Gur: 1006/2006JRM), liema kawza ghadha pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta liema kawza tirrigwarda stharrig gudizzjarju tal-eviction order mertu tal-odjena kawza;*

2. *Illi fil-waqt li huwa minnu li s-socjeta attrici giet zgumbrata minn fabbrika f'Ricasoli huwa minnu, id-decizjonijiet kollha li ttiehdu kienu legali u flokhom u dan kif se jigi ppruvat fl-mori tal-kawza;*

3. *Illi l-eviction order mertu tal-odjerna kawza twettaq fl-10 ta' Novembru 2006, kif jirrizulta mis-sentenza in parte moghtija fil-mori tal-kawza pendenti gja imsemmija nhar id-29 ta' Settembru 2009;*

4. *Illi 1-kawza gja imsemmija giet prezentata nhar is-6 ta' Novembru 2006, u ghadha pendenti sal-lum."*

Rat ir-risposta guramentata tal-Korporazzjoni Intrapriza ta' Malta (Malta Enterprise) tal-24 ta' Dicembru 2012 li taqra hekk (a fol.20 et seq.) :

1. *"Preliminarjament, illi r-rikors guramentat huwa null stante li ma jikkontjenix raguni tat-talba kif irid l-Art. 156(1)(b) tal-Kap. 12;*

2. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici kif postulata fil-konfront tal-eccipjenti ma tistax tirnexxi ghaliex il-kaz odjern ma jirrigwardax semplici talba ghal danni izda jippresupponi (minn dak li jirrizulta minn paragrafu tnejn [2] tar-rikors guramentat fejn tissemma revoka ta' letter of*

*intent li grat fl-2006 kif ukoll appell minn tali decizjoni) stharrig ta' ghemil amministrattiv fit-termini tal-Art. 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-azzjoni attrici hija perenta stante li ghaddha z-zmien sabiex tigi proposta 1- azzjoni u dan ai termini tal-Art. 469A(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti huma preskritti ai termini tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Subordinatarnent u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici fir-rigward tad-danni mitluba ma jistghux jintlaqghu stante li l-entita' esponenti qatt m'agixxiet in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli u dan ai terinini tal-artikolu 469A (5) tal-Kap. 12;*

6. *Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

7. *Salvi eccezzjonijet ulterjuri.*

*In sostenn ta' dawn 1-eccezzjonijiet, l-esponenti tiddikjara dan li gej:*

1. *Illi 1-Korporazzjoni esponenti mghandha l-ebda responsabbilita fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-fabbriki proprjeta tal-Gvem, liema beni jaqghu fir-responsabbilita tal-awtorita stabbilita fit-termini tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169 tal-Ligijiet ta' Malta);*

2. *Illi ghall-Korporazzjoni esponenti il-kaz tas-socjeta attrici kien meqjus wiehed maghluq, u kien ilu hekk maghluq ghal snin, u kienet sorpriza meta lejn l-ahhar tas-sajf tal-2012 saru ittri ufficcjali kontra l-istess korporazzjoni da parti tas-socjeta attrici;*

3. *Illi l-Korporazzjoni dejjem agixxiet fil-parametri tal-ligi u qatt ma naqset mill-obbligi taghha kif se jirrizulta fil-mori tal-kawza;"*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' Malta Industrial Parks Limited (a fol 428)

Rat in-nota t'osservazzjonijet ta' Simon Vella (a fol. 436);

Rat in-nota t'Osservazzjonijet tal-Korporazzjoni Intrapriza ta' Malta (Malta Enterprise) (a fol. 443);

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tas-socjeta' attrici (a fol.455);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Il-materja in ezami tirrigwarda l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti Malta Industrial Parks Limited , Malta Enterprise u Simon Vella. L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati hija n-nullita' ta r-rikors guramentat 'l ghaliex ir-rikors ma jikkontjeniex r-raguni ghat-talba skond l-Artikolu 156 (1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 156 (1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiprovdi r-rekwiziti tal-kontenut ta'rikors guramentat:

> ***"Ir-rikors guramentat ghandu jitlesta mill-attur u ghandu jkun fih –***
>
> ***a) Dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f'paragrafi numerati separatament sabiex isahhah it-talba tieghu u jiddikjara ukoll liema fatti huwa jaf bihom personalment***
> ***b) Ir-raguni tat-talba***
> ***c) u d) Omisses"***

Saret ukoll riferenza ghall-Artikolu 789(1)(c) tal-Kapitolu 12 li jipprovdi : ***"illi l-eccezzjoni ta' nullita tista' tinghata jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi."***, (vide fol. 430, 438 u 445) u l-Artikolu 789 (1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi: ***"Jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali esspressament mehtiega mill-ligi."***(vide fol. 431, 438, 446)

L-intimati lmentaw fin-nota t'oservazzjonijiet taghhom illi r-rikors guramentat huwa nieqes fil-forma mir-rekwiziti indikati fil-Artikolu 156(1)(b), ma fihx it-tifsira cara tar-raguni ghat-talba u jidher illi ma tesizti ebda raguni ghat-talba tas-socjeta' rikorrenti u li dana kollu jippregudika lill-intimati li ma jistghux, bhala konsegwenza, jaghmlu d-difiza taghhom fuq id-danni ingenti li allegatament soffriet is-socjeta' rikorrenti, u dana 'l ghaliex m'huwiex maghruf kemm-il darba d-danni humiex pretizi bhala rezultat tal-legalita' o meno tal-ordni ta' zgumbrament, mahruga fil-konfront tas-socjeta' attrici jew bhala konsegwenza tal-allegat nuqqas da parti tal-intimati li joffru rilokazzjoni lis-socjeta' attrici.

Fis-sentenza **Dr. Rene Frendo Randon noe vs Albert Salomone noe et** deciza fl-**24 t'April 1998** il-Qorti tal-Appell irriteniet:

> ***"Meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi tal-kawza odjerna, il-konvenut lanqas jista' jammetti t-talba. Lanqas m'hi l-kompitu tal-Qorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittanta l-attur."***

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 jirregola b'mod strett l-eccezzjoni ta' nullita' t'atti gudizzjarji, u jiddisponi li din l-eccezzjoni ta' nullita' tista' tinghata:

> ***"a) Jekk in-nullita hija dikjarata mill-ligi esspressament;***
>
> ***b) Jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;***

> ***c) Jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni mehtiega mill-ligi ukoll jekk mhux taht piena ta'nullita', kemm –il darba dik il-vjolazzjoni tkun gietbet lil parti li titlob in-nullita' pregudizzju illi ma jisghax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;***
>
> ***d) Jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali mehtiega mill-ligi:***
>
> ***Izda dik l-eccezzjoni tan-nullita' kif mahsuba f'paragrafu a, c u d ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni ikunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.***
>
> ***2. Omisses"***

Il-Qorti tgharaf illi n-nullita ta'atti gidizzjari hija sanzjoni radikali u li gudikant m'ghandux iwettaqha ***"b'leggerezza jew ghal kull skuza ta' xejn , irid ikun hemm raguni tajba biex dan isir u normalment din ir-raguni tkun marbuta mal-hsara li l-parti li kontra taghha ikun tressaq dak l-att tista' ggarrab minhabba fih u li ma tisghax tissewwa b'mod iehor jekk mhux bit-thassir tal-att li jkun."*** (vide provvediment **Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks e**t. tas-16 ta' Mejju 2007)

Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel u Mary konjugi Schembri u Anthony u Sonia konjui Schembri vs Anthony Poulton u Cettina Poulton** deciza **fil-20 ta'Marzu 2003** per **Onor. Imh. Dr. J. R. Micallef** dik il-Qorti irriteniet is-segwenti:

> ***Illi, kif inghad f'ghadd ta' deciżjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgha taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas***

*ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur tal-forma preskritta*[1]*;*

*Illi, f'wahda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bhal din taht eżami jinghad hekk: ". . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jigu, ghall-finijiet ta' l- oggett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok ghall-gudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistghux ma jkunux a konjizzjoni tal- kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wiehed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'gudizzju, ma hemm xejn fil-ligi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeducihom jekk jittendi li huma ntiżi ghall-otteniment ta' l-oggett propost, salv li l-istess ma humiex inkoniljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att tac-citazzjoni ma tirrendix dak l-istess att ghall-kawżalijiet tieghu mhux car, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qieghed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda pregudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-agir guridiku, il-ghaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attrici ghad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . . "*[2]*;*

*Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan jghodd sewwa ghall-kawża li ghandha quddiemha llum. Huwa minnu li l-bixra li tista' tiehu l-kawża kif imfassla l-azzjoni attrici sejra tohloq diffikulta' mhux traskurabbli dwar liema provi sejrin jingabru - jekk hux dawk li jirradikaw it-talba ghall- eżekuzzjoni tal-weghda, jew jekk hux*

[1] Ara, per ezempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawza fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)

[2] App. _iv. **14.11.1949** fil-kawza fl-ismijiet ***Bor_ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.535,** a fol. 538)

> ***dawk li jittrattaw dwar il-likwidazzjoni tad-danni pretiżi. Minbarra dan, kif sewwa jissugerixxu l-imharrkin, mhux lakemm wiehed jghid li tista' ssir "tiswija" tal-Att tac-citazzjoni taht id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-Kap 12, ghaliex din, x'aktarx tkun tolqot bidla tal-azzjoni fil-mertu, li l-ligi ma tridx li ssir. Min-naha l-ohra, iżda, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll li l-atturi, minghajr ma jressqu talba ghat-tiswija tal-att, jistghu jirregolaw irwiehom biex l-azzjoni tista' tissokta fuq binarju preciż. Dan ma kienx ikun jista' jsir kieku l-azzjoni kienet radikalment ma tiswiex. Ghall- kuntrarju, dan ifisser li l-azzjoni, kif imfassla ma hijiex nulla minn gheruqha. Fuq kollox, din il-Qorti temmen bis-shih li, fi kwestjonijiet ta' siwi ta' atti gudizzjarji, ghandha tapplika l-massima*** **ut melius valeat quam pereat*;"***

Is-socjeta'rikorrenti fir-rikors guramentat taghha tat spjegazzjoni tac-cirkostanzi u r-ragunijiet kollha illi wassluha biex hija tintavola t-talbiet taghha. Illi ghalhekk din il-Qorti, invista tal-insenjament tal-Qrati taghna kif fuq spjegat tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-intimati, minkejja illi l-intimati jidhrilhom illi l-perijodu preskrittiv huwa dak indikat fl-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 u cioe' preskrizzjoni ta' sentejn, jew dik ta' sitt xhur ai termini ta' l-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12, jidher illi l-ghajn ta' preskrizzjoni tal-azzjoni attrici kif tidher postolata, hija dik ta' danni naxxenti minn ksur ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali fejn il-perjodu preskrittiv huwa dak ta' hames snin.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Stivala vs Profs Joseph Colombo**, deciza fid-**9 ta' Jannar 1953** per **Onor. Imh. Dr. A. Magri** gie ritenut illi :

> ***"Il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kontrattwali; u ghalhekk mhix applikabli ghall-azzjoni ta'danni kontra perit arkitett li jkun assuma l-inkariku li jaghmel dan kollu li hu mehtieg ghar-rikostruzzjoni ta' bini; u billi f'kaz simili si tratta ta' kreditu li mhux dikjarat mill-ligi bhala suggett ghal xi preskrizzjoni ohra, hija applikabbli fil-kaz, il-preskrizzjoni ta' hames snin"***

Din il-preskrizzjoni, bhal l-ohrajn, tibda tghaddi mill-gurnata li l-azzjoni tista' tigi ezercitata. (vide Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16)

Dana gie konfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Micallef vs Carmelo Cassar**, **Appell Civili** deciz fis-**27 t'April 1953** fejn azzjoni ta' danni kagunati minhabba inadempjenza kuntrattwali, giet dikjarata preskrivibbli wara hames snin.

Illi jirrizulta fil-25 ta' Settembru 2006 harget l-ordni ta' zgumbrament da parti ta' Malta Industrial Parks, waqt li sehh l-incendju fil-fabbrika fis-19 ta' Jannar 2007, u jirrizulta illi s-socjeta' rikorrenti pprezentat atti gudizzjarji Dok. R1 sa R6, giet intavolata l-azzjoni Rikors Guramentat 1006/2006 fis-6 ta' Novembru 2006, giet ipprezentata ittra ufficjali fil-5 ta' Settembru 2012 u ntavolat il-kawza odjerna fid-29 t'Ottubru 2012. Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tal-intimati.

Illi t-tieni eccezzjoni ta' Malta Industrial Parks u Malta Enterprise (l-intimat Simon Vella ma intavolax din l-eccezzjoni) hija fis-sens li l-azzjoni attrici kif postolata, ma tistghax tirnexxi stante li s-socjeta' attrici kienet gja pprocediet permezz tal-kawza fl-ismijiet Euro Chemie

Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited u l-Kummissarju tal-Pulizija (Rikors Numru 1006/2006/JRM) li tinsab pendenti quddiem l-Appell. Din giet intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. Illi ghalhekk japplika l-principju ta’ *selecta un via non habet recursum ad alteram*.

Is-socjeta’ rikorrenti rribadiet fin-nota t’osservazzjonijiet taghha u t-trattazzjoni finali illi l-eccezzjoni ta’ *res judicta* ma tistghax treggi stante li l-kawza fuq citata kienet titratta stharrig gudizzjarju ta’ diskrezzjoni aministrattiva ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12, waqt illi dik odjerna titratta azzjoni ghar-risarciment ta’ danni subiti. Illi di piu r-Rikors Numru 1006/2006/JRM fuq indikat, kien ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti wara li ezaminat t-tieni eccezzjoni tal-Awtoritajiet Pubblici intimati tgharaf illi din l-eccezzjoni tista’ tigi deciza biss wara illi l-Qorti tisma’ l-provi kollha tal-kaz in ezami u tezamina l-atti tal-kawza 1006/2006 anessi mal-kawza odjerna. Ghaldaqstant tirriserva li tipprovdi dwar it-tieni eccezzjoni dwar l-Awtoritajiet Pubblici fis-sentenza finali.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtoritajiet Pubblici intimati u tal-intimat Simon Vella, tichad it-tieni eccezzjoni ta’ Simon Vella rigward il-preskrizzjoni u tichad l-eccezzjonijet tal-Awtoritajiet intimati ghar-rigward tal-preskrizzjoni, waqt illi tirriserva illi tippronunzja ruhha dwar it-tieni eccezzjoni tal-Awtoritajiet Pubblici intimati fis-sentenza finali.

Spejjez riservati ghal vertenza finali.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------